# IL-PAPAT TAS-16 SEKLU

**PAPA SISTU V**



Felice Peretti twieled fi Grottammare fit-13 ta' Dicembru 1520. Xi uhud jghidu li twieled fis-sena 1521. Il-familja tieghu kienet familja ta' bdiewa, imma bis-sahha ta' zijuh dahal fl-kunvent tal-frangiskani Konventwali ta' Montalto. Wara li studja u ha l-baccelerat fit-teologija u wara erba snin ohra ha d-dottorat. Fis-sena 1547 kien ordnat sacerdot fi Siena.



Kien kapaci jippridka b'hila kbira tant li sar maghruf fi zmien qasir, ghalkemm kellu karattru xi ftit jew xejn iebes.

Minhabba f'hekk kellu xi whud ghedewwa tieghu. Kellu parti attiva fl-Inkwizizzjoni ghall-hiltiet tieghu. Fis-sena 1557 kien nominat Inkwizitur appostoliku gewwa Venezja u sahansitra fis-sena 1565 intbaghat gewwa Spanja biex jiehu sehem fil-kawza kontra l-arcisqof ta' Toldeo, bhala inkwizitur teologiku. Piju V hatru isqof ta' Sant'Agata de Goti fis-sena 1566 u ta' Fermo fis-sena 1571. F'Mejju tas-sena 1570 kien nominat kardinal.

Fil-konklavi ta'April 1585 Peretti ntghazel biex ikun papa u ha l-isem ta' Sistu V bhala tifkira tal-frangiskan Sistu IV, papa mis-sena 1471 sal 1484. Kien kapaci jiggverna u s-Sede Appostolika kienet lahqet il-quccata ta' l-awtorita' u prestigju fil-politika estera li ghal hafna zmien wiehed kien ilu ma jara. Il-hidma tieghu kienet bla waqfien u mhegga tant li kulhadd kien laqqmu "it-turbin konsagrat".

Ix-xoghol li ghalih dahal kien li jara li r-riforma fil-knisja tmur 'l quddiem u mhux lura, irriorganizza l-gvern, applika d-degrieti tridentini u nissel klima ta' moralita'. Irriforma l-ekonomija u waqqaf politika finanzjarja b'regoli precizi. Ir-rizultat komplessiv kien wiehed: li l-knisja qatt ma rat zmien ekonomiku mfawwar bil-gid. B'id tal-hadid u spiss bil-piena tal-mewt, irnexxilu li jgib is-sigurta' f'Ruma u jehlisha minn serq l-aktar

selvagg. Sistu V ippromova l-attivita' missjunarja fil-Gappun, Cina, u fil-Filippini u l-Amerka t'Isfel. Huwa waqqaf il-festa tal-Presentazjoni tal-Beata Vergni Marija.

Sistu V kien ta' solliev ghall-Lhud ghaliex nehha minn fuqhom dawk ir-regolamenti ta' piz li Pawlu IV u Piju V imponew fuqhom. U ghal ftit tas-snin l-Lhud gawdew sakemm rega' wasal iz-zmien li Klement VIII, fis-sena 1593 rega' mill-gdid gabhom fis-sehh.

Sistu halla wkoll il-marka tieghu fl-istorja bhala kummisjonant ta' monumenti artistici u xoghol utilitarju iehor. Investa ghaldaqstant sommom enormi ta' flus. Fosthom ta' min isemmi t-tkomplija tal-koppla ta' San Pietru li fuqha kienu jahdmu ggajtiet ta' haddiem lejl u nhar. Bena' mill-qiegh il-Librerija Vatikana u zejjen kull fejn seta bil-funtani. Mill-hafna obeliski li hemm f'Ruma, xi uhud gew imwaqqfa fi zmien il-pontifikat tieghu. L-obelisk tal-pjazza ta' San Pietru u dak tal-Lateran huma tnejn minnhom.

Marad bil-malarja u ma riedx jikkura ruhu bil-preskrizzjoni tat-tobba izda bl-imbid skond l-uzu popolari. Imma miet kawza tad-deni fis-27 ta' Frar 1590 fil-Quirinale. Meta r-rumani semghu bil-mewt tieghu, haduha bhala ahbar ta' helsien u ippruvaw jeqirdu l-istatwa tieghu mwaqqfa fil-Campodoglio.

Ghal din ir-raguni harget ligi li statwi aktar dedikati ghall-papiet hajjin ma kellhomx jigu mwaqqfa.

Fost il-hafna leggendi li huma mdawra ma' dan il-papa hemm wahda li turi kemm kien xettiku fuq il-mirakli. Jinghad li darba wahda f'Ruma griet l-ahbar li barra l-belt xbiha ta' kurcifiss kienet qed tohrog id-demm. Malajr il-lok sar post ta' devozzjoni. Hafna kienu qed imorru jinvistaw dan il-kurcifiss u naturalment is-sid kien qed jaghmel kemxa flus gmielha. Il-papa sema' b'dan u mar personalment jara b'ghajnejh. Sistu gieghel li jgibulu mannara u waqt li gholliha qal: " Bhala Kristu nadurak imma bhala injam naqsmek." U f'radda ta' salib tah daqqa ta' mannara u ghamlu frak. Gewwa sabu sponza ghasra bid-demm ta' animal u kull darba li bi spaga tinghasar l-isponza kien johrog id-demm. Il-propjetarju gie mehud Ruma u ggustizzjat. Minn hawn hareg il-famuza frazi: "Sistu lanqas lil Kristu ma hafirha."